MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 660/2002

**Artikoli 207, 209, 95, 20, 383 tal-Kap 9 u l-artikolu 5, 9, 10 u 12 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**GORDON GRECH**

**Seduta ta' llum, 5 ta' Marzu 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GORDON GRECH** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Emanuel u Anna nee Fava, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Novembru 1976, li joqghod Block 14B, Flat 3, Triq Fontanier, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 28477M, gie imressaq quddiemha

akkuzat talli fit-tmintax ta' Awissu 2002 ghall-habta tat-tmienja w kwart ta' filghodu fi Pjazza Qalb ta' Gesu f'San Giljan;

(a) Ikkommetta atti vjolenti ghal pudur ta' Michelle Psaila Debono minn San Giljan;
(b) Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku;

(c) Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan hedded jew ingurja bi kliem lil PC 628 Walter Sergeant u lil WPC 16 Susanne Sapiano waqt il-qadi ta' dmirijiethom sabiex jinfluwixxi jew jbezzaghhom milli jesegwixxu d-dmirijiet taghhom skond l-ligi;

(d) Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Qorti mposti fuqu nhar l-hamsa ta' Dicembru 2001 skond sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Silvio Demicoli, li saret definittiva.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-sebgha ta' Novembru 2003 kif jirrizulta mill-atti processwali a fol 21 u dan dwar t-tieni, t-tielet w r-raba akkuza u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati ta' dawn t-tlett akkuzi.

Semghet lil allegat vittma Michelle Psaila Debono tixhed nhar s-sitta ta' Settembru 2002 u tispjiega dak li kien gralha nhar t-tmintax ta' Awissu 2002 waqt li kienet fl-istabbiliment Tony's Bar fil-pjazza Qalb ta' Gesu f'San Giljan ghall-habta tat-tmienja w kwart ta' filghodu. Hija spjiegat li dakinhar l-imputat mar quddiemha b'tazza xorb f'idejh u qabdilha sidirha. Hija mbuttatu 'l hemm u baqghet sejra taghmel rapport l-Ghassa.

Rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hamsa ta' Dicembru 2001 meta l-imputat kien instab hati ta' ksur ta' paci pubblika u hsara voluntarja fl-ammont ta' disgha w erbghin lira maltin ghad-dannu ta' Anna Cachia u fuq ammissjoni tieghu stess, kien gie

liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena minn dakinhar.

Semghet lil imputat jiskuza ruhu fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija u cioe WPC 16 Susanne Sapiano u PC 628 Walter Sergeant kif jirrizulta mill-atti u cioe fis-seduta tas-sebgha ta' Novembru 2002.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Dicembru 2002 kif jirrizulta a fol 27 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz in minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghoxrin ta' Frar 2003.

Rat li d-Difiza u l-Prosekuzzjoni qablu li mix-xhieda mismugha l-elementi tal-ewwel reat ma gewx ppruvati kif jirrizulta minn fol 21, u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati ta' din l-ewwel akkuza.

Rat l-fedina penali tal-imputat u ghalkemm ma hiex wahda riflettarja hafna diga ghandha erbgha convictions registrati fuqha.

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' multa.

**Il-Qorti ghalhekk,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 207, 209, 95, 20, 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5, 9, 10 u 12 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat GORDON GRECH hati tat-tieni, t-tielet w r-raba akkuza fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin lira maltin u tiddikjara li ma ssibux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------